**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 21 ta' Gunju, 2002**

**Numru 24**

**Avviz numru 918/01JR**

**Maltacom plc**

**vs**

**Carmen Seychell**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Settembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u wiehed u sittin lira Maltija u sitt centezmi (Lm661.06), liema ammont huwa dovut lis-socjeta` attrici nkonnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 678359 (skond ma jirrizulta mill-anness Dok.A) u liema servizz gie nstallat fil-fond Flat 5, Blokk G, Qasam Hal-Tmiem, Zejtun, u dana skond ma jidher mill-anness "service agreement" market Dok.B;**

**Illi l-konvenuta giet nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza;**
**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali, u bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data ta' l-ittra ufficjali.**

**Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Ingrid Zammit Young ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija u wiehed u sittin lira Maltija u sitt centezmi (Lm661.06), bl-imghaxijiet legali mis-7 ta' Settembru, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**